MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 100/2007

**Il - Pulizija**

**v.**

**BZ**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra B Z talli fil-5 ta' Jannar 2007 bejn il-5.00 p.m. u 7.00 p.m. gewwa Triq Mimosa, Pieta`, naqset li taghti access tal-wild minuri lil JZ, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa, b'hekk kisret wahda mill-kundizzjonijiet li huma mahruga mill-Onor. Imhallef Dr. Ray Pace LL.D. [***recte:*** Onor. Imhallef Dr. Noel Cuschieri], digriet nru. 1052/02NC;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Marzu 2007 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija BZ hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u, wara li rat l-artikoli 338(ll) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatha ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmija BZ ipprezentat fit-13 ta’ Marzu 2007 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti (1) tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tilliberaha mill-imputazzjoni u mill-piena jew, (2) sussidjarjament, tvarja s-sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata kontriha tenut kont tac-cirksotanzi kollha partikolari ta’ dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) Filwaqt li l-imputazzjoni dedotta kontra taghha tirreferi ghal digriet mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. Ray Pace, ma jirrizulta ebda digriet mahrug minnu u d-digriet esebit mill-prosekuzzjoni huwa mahrug mill-Onor. Imhallef Dr. Noel Cuschieri. Barra minn hekk ir-referenza 1052/02 NC tirreferi ghac-citazzjoni u mhux ghad-digriet fih innifsu. Il-prosekuzzjoni ma talbitx korrezzjoni u konsegwentement l-akkuza hi mankanti; (2) Fil-mertu, kien hemm ragunijiet xierqa li kellhom iwasslu ghal decizjoni ta’ nuqqas ta’ htija fil-konfront taghha; (3) Hija ma kenitx taf bil-kontenut tad-digriet tat-2 ta’ Jannar 2007; (4) Sussidjarjament, il-piena kienet harxa wisq.

Dwar l-ewwel aggravju jrid jinghad illi mill-atti jirrizulta illi d-digriet esebit mill-prosekuzzjoni nghata mill-Onor. Imhallef Dott. Noel Cuschieri fit-2 ta’ Jannar 2007 fl-atti tac-citazzjoni numru 1052/02 NC. Fl-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti saret referenza ghal “digriet” numru 1052/02NC ta’ “l-Onor. Imhallef Dr. Ray Pace LL.D.” Ovvjament dak li hemm indikat fl-imputazzjoni huwa

erroneju. Izda b'daqshekk jista' jinghad, kif issostni l-appellanti, illi "l-akkuza hija inezistenti" u li b'hekk "ma setghet qatt tinsab atja ta'l-akkuza kif dedotta kontriha"?

Tajjeb hawn li jitfakkar dak li gie kostantement deciz dwar in-natura tac-citazzjoni u f'dar-rigward huwa ghalhekk rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."**

Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fissentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

**"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna**

**mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami*).”**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:**

**“Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticit`' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.”**

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

**“Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri**

**b’mod li l-imputat ikun jaf ta’ liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.”**

Fil-kaz in ezami m’hemmx dubju li l-fatti tal-kaz huma ben spjegati. Difficilment jista’ wiehed jasal ghall-konkluzjoni li l-appellanti ma setghetx tkun taf dwar liema digriet hija giet akkuzata li ma osservatx. Hi stess tghid fir-rikors ta’ appell taghha li gabet kopja ta’ l-imsemmi digriet fit-8 ta’ Jannar 2007. Ghalhekk meta l-appellanti dehret quddiem l-ewwel Qorti fil-5 ta’ Marzu 2007, kellha kull opportunita` li tiddefendi ruhha.

Konsegwentement l-ewwel aggravju ta’ l-appellanti huwa michud.

It-tieni u t-tielet aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Fil-fatt din il-Qorti semghet ix-xhieda mill-gdid peress illi x-xiehda taghhom ma kenitx giet traskritta u minnha jirrizulta s-segwenti:

**JZ** xehed illi b’digriet tat-2 ta’ Jannar 2007 l-Imhallef Noel Cuschieri kien ordna li l-mara tieghu (l-appellanti) tiehu lit-tifel gewwa l-Agenzija Appogg ghall-fini ta’ access. Fil-5 ta’ Jannar 2007 gabitu u qaghdet fuq il-bankina. Lit-tifel poggeitu fuq ic-cint ta’ l-Agenzija, dahru lejn l-Appogg. Hu baqa’ gewwa, is-supervisor Doris Caruana harget tkellimha izda t-tifel baqa’ barra. Skond ix-xhud, kien hemm digrieti ohra qabel li hareg l-Imhallef Cuschieri u martu injorathom u fil-fatt ittiehdu proceduri kontra taghha u giet imcanfra mill-Qorti. Qal li martu takkuzah li qed jabbuza bit-tifel. Mill-5 ta’ Jannar 2007 ‘il quddiem lit-tifel haditu gewwa l-Agenzija izda dahlet mieghu meta, skond ix-xhud, mhux suppost tidhol. In kontro-ezami x-xhud cahad li mill-ahhar tas-sena 2005 it-tifel ma kienx irid ikellmu u li t-tifel kien jinsulentah quddiem is-social workers. Ghal referenza li saret ghal rapport fejn jinghad li kien ghamel abbuz sesswali fuq it-tifel, qal li ir-rapport hareg fl-1 ta’ Frar. Jaf li kienu saru xi rikorsi gahs-sospensjoni ta’ l-access izda qatt ma saret sospensjoni. B’referenza ghad-digriet tat-2 ta’ Jannar 2007, qal li kien jaf li kien areg u fit-3 ta’ Frar kien ta kopja lil min hu

responsabbli fl-Agenzija Appogg, cioe` lil Daniela Farrugia u Joanne Buhagiar.

**L-appellanti BZ** xehdet li fil-5 ta' Jannar 2007 kienet taf li hareg digriet izda ma kenitx taf x'ih u baqghet kif kienet taghmel qabel u ma dahlitx lit-tifel gewwa l-Agenzija Appogg. Ma kenitx tidhol peress illi t-tifel kien jigbida lura u ma kienx irid jara lil missieru. Din l-istorja kienet ilha sejra minn mindu ghamel l-ewwel tqarbina. Kien ilu erba' snin imur ghal *supervised access* ghax, skond l-appellanti, kienu sabuh hati ta' pedofelija. Qalet li mill-ewwel tqarbina 'l hawn beda juri certu antagonizmu lejn missieru. Is-supervisors kienu jippruvaw ikellmuh biex jidhol gewwa l-Agenzija izda ma kienx irid jidhol. Darba missieru hareg barra biex jipprova jkellmu izda t-tifel iggranfa maghha. Kienet taghmel xi saghtejn barra, tliet darbiet fil-gimgha u t-tifel qatt ma thajjar jidhol gewwa. Mistoqsija in kontro-ezami jekk il-Pulizija qattx fethu xi kaz ta' pedofelija kontra zewgha, qalet li dan l-ahhar pero` izda ma kenitx taf tghid minn fejn tafu dan. Qalet ukoll li skond ir-rapport l-esperti qalu li seta' sar l-abbuz. Mistoqsija jekk fil-5 ta' Jannar 2007 bejn il-5.00 p.m. u s-7.00 p.m. tatx access lil zewgha wiegbet "Dan l-ahhar iva." U ghall-mistoqsija "F'Jannar?" wiegbet "Le."

L-ewwelnett jinghad illi l-appellanti stess xehdet li kienet taf li kien inhareg digriet fit-2 ta' Jannar 2007. Ghaldaqstant ma tistax issa targumenta li ma kenitx taf bil-kontenut tieghu peress illi setghet tmur tigbor kopja fit-8 ta' Jannar 2007. Kien id-dmir taghha li tiskopri minnufih x'kien jghid l-imsemmi digriet.

Kwantu ghall-fatt tan-nuqqas ta' access, m'hemm l-ebda dubju li JZ ma nghatax access ghal ibnu peress illi l-appellanti ghamlet bhalma kienet qed taghmel qabel u cioe` illi tmur quddiem l-Agenzija Appogg bit-tifel izda ma ddahhlux gewwa fejn kien ikun hemm missieru. F'dan il-kaz jirrizulta li saret allegazzjoni fil-konfront ta' JZ li kien jabbuza sesswalment lit-tifel tieghu. Kien sar rapport preliminari izda fil-5 ta' Jannar 2007 kien ghadu qieghed jitnieda r-rapport tal-periti perizjuri. JZ qal li kienu saru rikorsi ghas-sospensjoni ta' l-access (naturalment minn

martu) izda li qatt ma kien hemm sospensjoni. Li ma kienx hemm sospensjoni ta' l-access huwa ovvju peress illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) iddekretat fit-2 ta' Jannar 2007 li l-appellanti (f'dak il-kaz attrici) kellha "tiehu lill-minuri ghall-access gewwa l-bini ta' l-Appogg". Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li kienet rat ir-rikors ta' JZ (konvenut f'dak il-kaz), ir-risposta ta' l-appellanti, ir-risposta ta' l-Agenzija Appogg u n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-appellanti ghan-nota ta' l-Agenzija Appogg. Jigifieri dik il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dak kollu mehtieg qabel ma waslet ghad-decizjoni taghha.

Issa, sakemm jinbidel ordni tal-Qorti b'digriet jew sentenza, dak l-ordni irid jigi rispettat u ma jistax jigi evitat. Dan certament japplika ghad-digriet imsemmi tat-2 ta' Jannar 2007. Jigifieri anke fejn it-tfal ma jkunux iridu jattendu ghal *supervised visit*, ma ghandu jkun hemm ebda diffikulta` biex il-persuna li jkollha l-kustodja tat-tfal, b'daqsxejn ta' rieda tajba, tiehu lil uliedha ghal dawn il-viziti, anke jekk kontra r-rieda taghhom. Altrimenti jigi li jew il-persuna li jkollha l-kustodja jew it-tfal jassumu poteri ta' Qorti ta' appell jew ta' revizjoni biex jibdlu huma l-ordni tal-Qorti.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Jacqueline Zammit** tal-15 ta' Mejju 2003:

**"Din il-Qorti terga' ttenni dak li diga` gie ritenut minnha diversament preseduta u cioe` li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kawzi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli u immaginabbli, din il-Qorti tigi ridotta f'Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili. Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b'xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh, imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni."**

U kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta, meta l-Qorti tigi **“biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, trid twiezen l-interessi kollha, inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest”** (Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmen Tabone Reale** deciz fil-25 ta’ Lulju 1994. U **“b’raguni xierqa wiehed ghandu jifhem kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza, raguni oggettivament xierqa u mhux biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-access. Ezempju ta’ dan hu xi mard serju tal-minuri li ma jkunx jaghmilha possibbli li dan johrog mid-dar”** (Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Joseph Ebejer** tad-19 ta’ Dicembru 1996 u **Il-Pulizija v. Jacqueline Zammit** tal-15 ta’ Mejju 2003).

F’dan il-kaz, il-fatt tan-nuqqas ta’ access jirrizulta pruvat. Bil-fatt li l-appellanti qaghdet barra l-Agenzija Appogg u ma dahltx lit-tifel gewwa, hija giet li qed tmur kontra ordni specifiku tal-Qorti. Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz fejn il-Qorti kompetenti kienet ezaminat is-sitwazzjoni tlett ijiem biss qabel u ddecidiet kif iddecidiet, difficilment jista’ jinghad li kien hemm raguni xierqa skond il-ligi biex ma jkunx hemm access.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti tifhem li kien hemm certa riluttanza u rifjut da parti tat-tifel stess illi jara lil missieru in vista ta’ dak li gie allegat fil-konfront ta’ missieru. Dan pero` semmai jista’ jinfluwixxi fuq il-piena li ghandha tigi nflitta skond il-kaz. Inoltre jidher li wara dan il-kaz l-access beda jinghata skond id-digriet imsemmi u mhuwiex opportun issa li jkun hemm piena restrittiva tal-liberta` ta’ l-appellanti.

Apparti dan, din il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi l-appellanti giet akkuzata b’fatt wiehed, l-ewwel Qorti ghamlet referenza wkoll fis-sentenza taghha ghall-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali (diversi fatti li jitqiesu bhala reat kontinwat u li jippermettu zieda fil-piena ta’ minn grad sa zewg gradi).

Konsegwentement, filwaqt illi t-tieni u t-tielet aggravji qeghdin jigu respinti wkoll, ir-raba' aggravju dwar il-piena qieghed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmija BZ ghal gimgha detenzjoni u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446, tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor matul il-perijodu ta' tliet xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-appellanti bi kliem li jiftiehem sew li jekk taghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, tkun tista' tinghata sentenza ghar-reat originali. Fl-ahharnett din il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet u partikolaritajiet ta' l-appellanti, ta' zewgha u ta' binhom ghall-fini tal-protezzjoni ta' l-identita` ta' l-imsemmi binhom minorenni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------